

L-Erbgħa 20 ta' Novembru 2013

P7\_TA(2013)0477

### **Sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2013 dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-esplorazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita (COM(2011)0814 – C7-0464/2011 – 2011/0392(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 436/32)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0814),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0464/2011),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-28 ta' Marzu 2012 <sup>(1)</sup>
  - wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,
  - wara li kkunsidra l-impenn tar-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tal-11 ta' Settembru 2013 biex tiġi approvata l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0321/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
  3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

**P7\_TC1-COD(2011)0392**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropewn adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Novembru 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-esplorazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1285/2013.)

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 181, 21.6.2012, p. 179.

L-Erbgħa 20 ta' Novembru 2013

## ANNEX MAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATIVA

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni Ewropea

dwar

## IL-PANEL INTERISTITUZZJONALI GALILEO (GIP)

1. Fid-dawl tal-importanza, il-karatteristika unika u l-komplessità tal-programmi tal-GNSS Ewropej, is-sjeda tal-Komunità tas-sistemi li jirriżultaw mill-programmi, u l-finanzjament sħiħ tal-baġit tal-Komunità tal-programmi għall-perjodu 2014-2020, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea jirrikonoxxu l-bżonn ta' kooperazzjoni mill-qrib tat-tliet istituzzjonijiet.
  2. Il-Panel Interistituzzjonali Galileo (GIP) se jilħaq l-oġettiv li jiffaċilita kull istituzzjoni fit-twettiq tar-responsabbiltà rispettiva tagħha. Għal dan il-għan, il-GIP se jitwaqqaf sabiex isegwi mill-qrib:
    - (a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-GNSS Ewropej, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' akkwisti u ta' kuntratti, b'mod partikolari fir-rigward tal-ESA;
    - (b) il-ftehimiet Internazzjonali ma' pajjiżi terzi mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
    - (c) it-tnejn tas-swieq tan-navigazzjoni bis-satellita;
    - (d) l-effikaċja tal-arranġamenti ta' governanza; kif ukoll
    - (e) ir-rieżami annwali tal-programm ta' ħidma.
  3. F'konformità mar-regoli eżistenti, il-GIP se jirrispetta l-ħtieġa ta' diskrezzjoni b'mod partikolari fid-dawl tan-natura kunfidenzjali u sensitiva ta' ċerta dejta.
  4. Il-Kummissjoni se tqis il-fehmiet espressi mill-GIP.
  5. Il-GIP se jkun magħmul minn seba' rappreżentanti, li minnhom:
    - tlieta jkunu mill-Kunsill,
    - tlieta mill-PE,
    - wieħed mill-Kummissjoni,u se jiltaqa' fuq bażi regolari (fil-prinċipju erba' darbiet kull sena).
  6. Il-GIP ma jaffettwax ir-responsabbiltajiet jew ir-relazzjonijiet interistituzzjonali stabbiliti.
-